MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 888/2007

**Joem Auto Parts Ltd (C-6684)**

**vs**

**Anthony Debono K.I. 277856(M)**
**Beatrice Debono K.I. 042126(M)**
**Simone Dimech K.I. 339554(M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Awissu, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

**Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza**

1. Illi permezz ta' kuntratt datat l-ghaxra ta' Mejju, elfejn u sitta (10.05.2006), fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, ir-rikorrenti Joem Auto Parts Limited C-6684, akkwistat

minghand l-intimati Anthony Debono, Beatrice Debono u Simone Dimech *garage*, ossia *store*, bla isem u bla numru mal-livell tat-triq, fi  Zbibu Lane f'San Gwann, sottopost ghal-proprjetà ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u il-pertinenzi tieghu kollha, dana kif deskritt ahjar fil-kuntratt ta' akkwist hawn anness ma' dana l-att bhala Dok. A.

2. Illi wara illi is-socjetà attrici akkwistat il-fond, ir-rapprezentanti ta' l-istess socjetà, fl-ahhar gimgha ta' Awwissu 2006 ta' l-istess sena indunaw li kien hemm difetti gravi fil-fond, partikolarment imma mhux limitatament fit-travi u kolonni tal-konkos - liema difetti huma dettaljati fir-rapport tal-Perit Arkitett Nicholas Samut Tagliaferro, rapport hawn anness ma' dana l-att  bhala Dok B -  liema difetti ma kienux jidhru u kienu mohbija fiz-zmien ta' l-akkwist, hekk kif inter alia stqarr l-istess Anthony Debono quddiem il-Perit Arkitett Godwin Zammit.

**Raguni tat-talba**

3.Illi dawn id-difetti mohbija huma tali illi jnaqqsu daqshekk il-valur tal-fond illi ir-rikorrenti ma kienitx tixtrih jew kienet toffri prezz ferm inqas ghall-istess immobbli, li kieku ir-rappreżentanti tagħha kienu jafu b'dawn id-difetti.

4.Illi l-intimati jew uħud minnhom kienu jafu bid-difetti serji fil-fond u ħbewhom deliberatament, u ghalhekk ghandhom jirrispondu wkoll ghad-danni li batiet is-socjetà l-attrici.

5.Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi in rigward ghas-suespost imma baqghu inadempjenti u ma riedux jassumu responsabilità għas-suespost.

6.Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.

7.Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-fond mibjugh huwa affett minn u kien jikkontjeni vizzji okkulti kif dettaljat hawn fuq;

2. Tikkundanna lill-intimati ihallsu lill-attrici, bhala rifuzjoni, parti mill-prezz tal-bejgh, liema ammont jigi likwidat b’opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna wkoll lill-intimati, in kwantu dawna, jew uhud minnhom, kienu jafu bid-difetti fil-fond, sabiex ihallsu lill-attrici dawk id-danni li dina l-Onorabbli Qorti sejra tillikwida, dana jekk hemm bzonn, bl-opera tal-istess periti nominandi;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Settembru, 2006 u ta’ l-ittri legali tad-9 ta’ Ottubru 2006 u tas-6 ta’ Dicembru 2006.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi l-konvenuti naqsu illi jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom fi zmien previst mil-Ligi.

Rat ir-rikors tal-konvenuti tal-11 ta’ Jannar, 2008 (a fol. 14 tal-process) illi permezz tieghu talbu illi jinghataw l-opportunita illi jikkontestaw it-talbiet attrici u jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmi rikors tal-11 ta’ Jannar 2008;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici;

Rt ir-ikors tal-konenuti Simone Dimech u Beatrice Debono tas-26 ta’ Frar 2010, ir-risposta tas-socjeta’ attrici tal-15 ta’ Marzu 2010 u id-digriet taghha tat-2 ta’ Marzu 2010.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal digriet dwar ir-rikors tal-konvenuti tas-26 ta' Frar, 2010;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuta Beatrice Debono u il-konvenuta Simone Dimech gew innotifikati fir-residenza tal-konvenut Anthony Debono 16, 'Summer Wind', Triq Alfred Craig, Ta' Xbiex. Dan jirrizulta kemm mir-riferti, kif ukoll mix-xhieda tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi.

Illi irrizulta mix-xiehda ta' Emerinziana Agius, rapprezentanta tad-Dipartiment tar-Registru Elettorali, illi fil-fond 16, 'Summer Wind', Triq Alfred Craig, Ta' Xbiex jirrisjedi biss, ghal fini ta' dan ir-rikors guramentat, il-konvenut Anthony Debono, u illi la l-konvenuta Beatrice Debono u lanqas il-konvenuta Simone Dimech ma jirrisjedu hemm hekk u huwa ghal kollox rilevanti il-fatt illi gie notifikat bl-atti Matthew Debono illi jigi it-tifel tat-tifel ta' Beatrice Debono in-neputi tal-konvenuta l-ohra Simone Dimech u dana peress illi l-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi :

"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."

Illi irrizulta illi l-kopja ma thallitx f'idejn membru tal-familja tal-konvenuti Simone Dimech u Beatrice Debono fil-lok fejn toqghod jew tahdem, jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Ghaldaqstant, in-notifiki illi saru lil Matthew Debono, dejjem fil-konfront tal-konvenuti Simone Dimech u Beatrice Debono, mhumiex validi ghaliex ma gietx ezegwita l-procedura kif trid il-Ligi.

Illi huwa ghal kollox irrilevanti l-fatt illi Matthew Debono accetta in-notifiki ghan-nom tan-nanna tieghu u taz-zija tieghu, konvenuti f'din il-kawza, ghaliex una volta in-notifika ma saritx skond il-Ligi, tali notifika hija nulla.

Illi wkoll lanqas ma gie ippruvat illi l-konvenut Anthony Debono huwa l-prokuratur ta' ommu Beatrice Debono. Ghaldaqstant lanqas dan l-argument ma jiswa ghal fini ta' notifika tal-konvenuta Beatrice Debono.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tordna n-notifika mill-gdid skond il-Ligi lill-konvenuti Beatrice Debono u Simone Dimech, bl-ispejjez kontra is-socjeta' attrici.

Il-kawza qeghda tigi differita ghall-ahhar darba ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010 fl-10.00a.m. ghat-trattazzjoni finali dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja tal-konvenut Anthony Debono.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------